**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

**MAGISTRAT**

**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**

***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***

***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Kumpilazzjoni numru: 682/2020 CFF**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Audrey Micallef)**

**vs**

**AB**

**Illum, 20 ta' Lulju, 2022**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

AB ta' 40 sena,

Akkuzat talli nhar l-04 ta' Dicembru 2020 u fil-granet u fix-xhur u fis-snin ta' qabel f'diversi hinijiet u f'diversi postijiet gewwa il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti izda li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-Ligi u li kienu maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. Ikkaguna lil mara tieghu u cioe' CD li tigi wkoll omm it-tifel tieghu EF, fastidju ghal iktar minn darba u gab ruhu b'mod li kien jaf li messu kien jaf li kien qed ikun ta' fastidju ghal mara tieghu CD.
2. Ikkaguna lill-mara tieghu u cioe' CD li tigi wkoll omm it-tifel tieghu EF, biza li se tintuza xi vjolenza kontriha jew kontra l-propjeta' taghha jew kontra l-persuna jew il-propjeta' xi hadd mill-axxendenti jew dixxendenti taghha.

3. Uza vjolenza, inkluz vjolenza morali u jew psikologokia u jew sfurzar sabiex igieghel taghmel ihalli jew jonqos milli jaghmel xi haga jew sabiex inaqqas l-abilitajiet jew izola jew illimita l-access ghall-flus, edukazzjoni jew impjieg ghad-detriment tal-mara tieghu u cioe' CD li tigi wkoll omm it-tifel tieghu EF u dana meta kien qed ikun tali prezenza tal-imsemmi minuri u waqt li kien jghix maghhom.

U iktar talli fil-25 ta' Novembru 2020 gewwa s-Swieqi

4. Minghajr il-hsieb li joqtol jew li qieghed il-hajja ta' CD f'periklu car, volontarjament ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha u cioe' offiza ta' natura hafifa fuq il-mara tieghu l-istess CD li tigi omm it-tifel tieghu EF hekk kif iccertifikatha Dr Martina Falzon Lia (Med Reg 6211) mic-Centru tas-Sahha tal-Furjana
5. Hebb ghal mara tieghu CD sabiex jingurjaha, idejjaqha jew jaghmlilha hsara b'xi mod
6. Insulenta hedded jew ingurja bi kliem jew b'mod iehor lil mara tieghu CD
7. Ghamel ingurji jew theddid mhux imsemmija band'ohra fil-kodici kriminali jew jekk kien ipprovokat, ingurja b'mod li hareg barra mill-limiti tal-provokazzjoni.

Il-Qorti hija gentilment mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni inkluza fil-mori tal-kawza kontra AB a beneficcju ta' CD u l-familjari taghha u dan fit-termini tal-Artikolu 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija, mitluba f'kaz ta' htija, biex tipprovdi ghal persuna ta' CD u l-familjari taghha jew sabiex jinzamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena applikabbli ghar-reat, torbot lil AB b'obbligazjzoni tieghu innifsu taht penali ta' somma ta' flus li tigi iffissata mill-Qorti billi tapplika l-Artikolu 383 et seq tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghal zmien li thoss xieraq.

Il-Qorti hija gentilment mitluba li f'kaz ta' htija minbarra li tinfliggi l-piena stabbiliti mill-Ligi tordna lill-imsemmi AB sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, jekk ikun il-kaz, kif provdut fl-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-Ufficjal Prosekutur qrat u kkonfermat bil-gurament l-akkuzi fil-konfront ta' l-imputat fis-seduta datata 6 ta' Dicembru 2020.

Rat l-atti tal-kawza u d-dokumenti ezebiti u cioe', certifikat tat-twelid tal-imputat, fedina penali tal-imputat, rapport tal-incident, nota sabiex l-imputat jinzamm arrestat iktar minn sitt sieghat, dikjarazzjoni tad-dritt ta' konsultazzjoni ma' avukat, stqarrija tal-imputat, certifikat mediku, screenshots ta' messaggi, kopja ta' referral mic-Centru tas-Sahha, kopja ta' Risk Assessment, karta tal-identita tal-imputat, dokument tal-Laboratorju Forensiku, certifikat taz-zwieg, ritratti (dok AM14), dokument immarkat JPG1.

Semghet ix-xhieda tal-Prosekuzzjoni, u cioe' lil Dr Martina Falzon, Vinciana Vella, WPS 18 Silvana Cesare, Colette Maschiovic, PC 2426 Josianne

Vassallo, PS 2261 Donna Frendo Magro, PC 762 John J. Cauchi, Dr Jean Pierre Giorgio.

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata 13 ta' Mejju 2022 fejn huwa dehrlu li tista' tinstab htija (jew htijiet) taht dak li hemm mahsub;

a) Fl-artikoli 251A; 251C, 251D(3); 251H(a)(b); 251HA; 202(h)(i)(iv) [1]; 222(1)(a); 251I tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
b) Fl-artikoli 251B[2]; 222(1)(a); 202(h)(i)(iv)[3]; 251C; 251D(3); 251H(a)(b); 251HA tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
c) 251(1)(2)(3); 222(1)(a); 202(h)(i)(iv)[4]; 202(i)[5]; 251D(3); 251H(a)(b)(d); 251HA tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta
d) Fl-artikoli 214; 215; 221(1)(a); 202(h)(i)(iv)[6] tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
e) Fl-Artikolu 339(1)(d) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
f) Fl-Artikolu 339(1)(e) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Rat li waqt l-udjenza tat-28 ta' Gunju 2022 l-imputat wiegeb li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi.

**Ikkunsidrat**

Illi dan il-kaz ta l-bidu tieghu meta CD li tigi l-mara tal-imputat kienet ghamlet rapport dwar li kienet ghamlet kontrih dwar vjolenza domestika. Illi fil-fatt kien tressaq u akkuzat b'diversi reati. Illi fil-mori ta' dawn il-proceduri xehedu diversi ufficjali tal-PuLizija kif ukoll xhieda ohrajn sabiex jghidu fuq l-affarijiet li huma kienu jafu fuq il-kaz. Illi pero f'dawn il-proceduri, l-istess kwerelanta ghazlet li ma taghtix ix-xhieda taghha kif ukoll kien hemm mebri tal-istess familja li ghazlu l-istess haga. Illi ghalhekk ebda wiehed minn dawn ix-xhieda kienu prezenti ghal dak li allegatament kien sehh bejn l-imputat u CD. Illi ghalhekk il-Qorti trid tifli dawk il-provi kollha li ghandha quddiema sabiex tkun tista' tasal ghal xi forma ta' konkluzzjoni dwar sejbien ta' htija jew le.

Illi kif inghad f'dan il-kaz ma tressaq had sabiex jixhed dwar jekk kienx hemm xi persuna li seta' ra xi haga u ghalhekk l-unika xhieda li tressqu qalu dak li semghu minn ghand il-kwerelanta. Illi ghalhekk dawk ix-xhieda li xehedu fuq il-kaz ibbazzaw biss fuq il-fatti li ntqal lilhom. Illi ghalhekk huwa bbazata fuq dak li huwa komunament maghruf bhala hearsay evidence.

---

[1] Qabel ma dan gie emendat permezz tal-Att Nru LXIV tal-2021
[2] Qabel ma dan gie emendat permezz tal-Att Nru II tal-2021
[3] Qabel ma dan gie emendat permezz tal-Att Nru LXIV tal-2021
[4] Qabel ma dan gie emendat permezz tal-Att Nru LXIV tal-2021
[5] Qabel ma dan gie emendat permezz tal-Att Nru LXIV tal-2021
[6] Qabel ma dan gie emendat permezz tal-Att Nru LXIV tal-2021

Ir-regola tal-Hearsay Evidence hija kkunsidrata bhala wahda mill-aktar regoli important dwar dak li ghandu x'jaqsam mal-gbir tal-evidenza. Huwa fatt li l-*hearsay evidence* hija inammissibli fi procedure kriminali specjalment meta bhal ma hu dan il-kaz li l-persuna u cioe' l-kwerelanta setghet tat il-verzjoni tal-fatti li hija taf fuqhom. Infatti fil-Ligi taghna l-artikolu 645 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta japplika wkoll dak li hemm fil-Kodici tal-Procedura fl-artikolu 598 ghal din ir-regola tal-*hearsay evidence.*

Illi f'dan il-kaz meta nirrefru ghar-regola tal-hearsay evidence hemm hafna cirkorstanzi li jridu jigu meqjusa. Illi huwa fatt li kwalunkwe xhieda trid tinghata fil-berah u bil-gurament waqt procedure kriminali. Illi ghalhekk fuq il-fatti li sehhew hemm id-dritt li jinghata sabiex isir il-kontro-ezami fuq il-fatti li sehhew. Illi ghalhekk meta bhal ma hu dan il-kaz, il-kwerelanta naqas milli jixhed ma jkunx hemm il-possibilita' li l-imputat jaghmel dawk il-kontro-ezamijiet kollha necessarji sabiex jitlob aktar kjarifika tal-fatti. Illi ghalhekk anki ghal dan il-fatt li jista' jkun hemm sitwazzjoni ta' diffikulta fejn jidhol l-ezattezza ghal dak li verament sehh u ghal dak li jkun qieghed jinghad minn persuna li ma kienx involute jew inkella li ma jkun ra xejn minn dak kollu li jkun seta' gara.

Illi wkoll il-Qrati taghna spjegaw diversi drabi fuq dan il-principju specjalment meta jkollok l-okkazzjoni li ufficjali tal-Pulizija u ohrajn jixhdu dwar dak li huma semghu u li ghamlu huma minhabba rwol taghhom fl-investigazzjoni. Fil-kaz ir-*Repubblika ta' Malta v. Meinrad Calleja,* intqal hekk

> ***"Fil-prattika u l-esperjenza ta' din il-Qorti, certi xhieda, specjalment ufficjali tal-Pulizija u dawk li b'xi mod jkunu involuti fl-investigazzjoni jew li pprecipitawha, ikollhom jirrelataw dak li jkun qalilhom haddiehor, mhux bhala prova tal-verita' ta' dak li jkun qalilhom haddiehor izda sempliciment biex jispjegaw l-agir taghhom (i.e. tax-xhud li jkun). Altrimenti l-agir tax-xhud jista ma' jaghmilx sens jew tant ikun inspjegabbli li l-gudikant tal-fatt jista jikkonkludi li dak l-agir kien wiehed kapriccjuz u forsi mmotivat hazin. Din il-Qorti, ghall-anqas kif presjeduta, dejjem hadet il-linja li jekk fil-kors tal-guri tqum il-htiega li xhud jirrelata dak li qallu haddiehor (biex issir mhux prova 'of the truth of the statement' izda 'of the fact that it was made'), hija dak il-hin stess tindirizza lill-gurati dwar ir-regola tal-'hearsay'."***

Illi bla dubju ta' xejn f'dan il-kaz minhabba li l-istess kwerelanta ghazlet li ma tixhidx, il-Qorti ma tistax tistrieh fuq dak li qal haddiehor meta l-istess persuna setghet qalet hi stess. Illi ghalhekk dan il-kaz huwa mibni fuq il-principju tar-regola tal-hearsay evidence u din il-Qorti ma tistax issib htija fuq l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

**Decide**

**Ghal dawn il-motivi wara li din il-Qorti rat l-artikoli 214, 215, 251(1)(2)(3), 251A, 251B, 251C, 251D(3), 251H(a)(b)(d), 251HA, 202(h)(i)(iv)(v), 222(1), 222(1)(a), 251I, 339(1)(d) u 339(1)(e) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta fuq nuqqas ta' provi ma ssibx lill-imputat AB hati ta' l-imputazzjonijiet kif dedotti kontra tieghu u ghaldaqstant tilliberah minn kull htija u piena.**

**Dr. Caroline Farrugia Frendo**

**Magistrat**

**Maria Grech Cardona**

**Deputat Registratur**